**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**Kumpilazzjoni Numru 505/2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Superintendent Darren Buhagiar)**

**-Vs-**

**GRAZIELLA BONAVIA**

**Illum, 27 ta' Marzu 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **GRAZIELLA BONAVIA**, ta' 29 sena, bint John u Mary Grace nee' Azzopardi, mwielda Ħaż-Żabbar fit-12 ta' Ottubru 1992, residenti Ent 1, Triq Mary Carter, Tarxien u detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 489492M li ġiet akkużata talli fil-31 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta ta' 21 :20hrs ġewwa l-fond Ent. 1, Triq Mary Carter, Tarxien :-

1. Inġurjat, heddidt jew għamilt offiża fuq il-persuni ta' PS462 Darren Farrugia u PC 2074 Danica Micallef u PC 482 John Paul Gialanze, persuni nkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu

qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbeżża jew tinfluwixxi fuqhom, kontra l-ligi fl-eżekużżjoni ta' dak is-servizz ;

2. Attakkajt jew għamilt reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u cioe' PS 462 Darren Farrugia u PC 2074 Danica Micallef u PC 482 John Paul Gilanze, filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti ;

3. Ma obdejtx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizzi pubbliku jew ma ħallejtx jew fixkilt waqt li kien qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indħalt fi dmirhom, billi ma ħallejtx liol PS 462 Darren Farrugia u PC 2074 Danica Micallef u PC 482 John Paul Gialanze, jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati jew setgħu għamlu, jew billi ġibt fix-xejn jew ħassart dak li PS 462, PC 482 u PC 2074 kienu qed jagħmlu skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun;

4. Mingħajr il-ħsieb li toqtol kew li tqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġunajt ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioe' PC 2074 Danica Micallef jew ġibtilha disordni f'moħħha, liema offiża hija ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifikat mit-tabib Dr Bernard Briffa (med. reg. 4691);

5. Ikkagunajt offiża magħmula b'arma regulari inkella bi strument li jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jaħraq jew li hu korroživ;

6. Ikkagunajt offiża fuq persuna li kienet uffiċjal pubbliku jew kien inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku jew li hu jew kien uffiċjal jew impjegat ta' korp kostitwit b'liġi u cioe' PC 2074 Danica Micallef meta r-reat ikun sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tagħha.

Semgħet lill-Uffiċjal Prosekutur jaqra u jikkonferma bil-ġurament l-akkużi;

Semgħet lill-imputata waqt l-eżami twieġeb li mhux ħatja tal-akkużi;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-14 ta’ Diċembru 2023 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi tagħhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u ċioe`:

Fl-artikoli 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikolu 214, 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikolu 217, 221(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikolu 222(c) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 17, 31, 532A, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-imputata tiddikjara fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2024 li m’għandhiex oġġezzjoni il l-każ jiġi trattat bl-proċedura sommarja;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti, inkluż il-filmati tal-bodycams (Dok. DB5);

Rat l-atti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u d-difiża fis-seduta tal-5 ta’ Marzu 2025;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi[1] jirriżulta ill fil-31 ta' Awwissu 2022 għall-ħabta tad-9.30 p.m l-uffiċjali tal-Pulizija PC 2074 Danica Micallef, PS 462 Darren Farrugia u PC 482 Jean Paul Gialanze, kienu marru ġewwa r-residenza mmexxija mill-Aġenzija Sapport fi Triq Mary Carter, Fgura, wara li kienu infurmati minn PS 133 mill-Għassa ta' Ħaż Żabbar li kienet waslet informazzjoni anonima li ertu Graziella Bonavia kienet bagħet messaġġ lis-sieħeb tagħha li xtaqet ittemm ħajjitha. Huwa stabbilit mill-provi illi għall-ewwel, il-Pulizija kienu marru fl-indirizz tal-ġenituri ta' Graziella Bonavia fejn ma kienetx għadha tirrisjedi u mbagħad baqgħu sejrin fir-residenza ġewwa Triq Mary Carter, il-Fgura. Għalkemm kienu saru d-9.30 p.m., il-Pulizija ma kienux għarrfu lill-persuni inkarigati mir-residenza li kien intbagħat dan il-messaġġ u li kienu sejrin fuq il-post. Mix-xhieda jirriżulta li l-iskop taż-żjara tal-uffiċjali tal-Puilzija fir-residenza kien li jispjegaw lis-*support workers* dak li kien ġie rapportat dwar l-imputata u biex jistabbilixxu jekk tassew kienx jeżisti perikolu ta' suwiċidju u bżonn ta' għajnuna medika.

Kif it-tliet uffiċjali tal-Pulizija waslu fuq il-post, is-sitwazzjoni dehret li kienet kalma u l-imputata sabuha flimkien mas-*support workers* tal-istess residenza, Matthew Sciberras u Marianna Psaila. Skont PS 462 Darren Farrugia, kif daħal fir-residenza huwa seta' jivverifika illi l-imputata ma kienetx qiegħda fi stat li setgħet tipperikola lilha nnifisha. Madankollu huwa stabbilit mill-provi illi kif rat il-Pulizija deħlin fir-residenza, l-imputata bdiet tgħid lill-ħaddiema soċjali li ma riditx tintbagħat Mount Carmel u għalhekk is-*support workers* kienu qalulha biex tmur fil-kamra tagħha sakemm jitkellmu mal-Pulizija. Iżda l-imputata rrifjutat li tmur fil-kamra tagħha u sostniet li għandha dritt tkun taf x'qed jingħad fuqha u li dak li jingħad dwarha kellu jintqal fil-prezenza tagħha. Għalhekk kien ġie deċiż li l-ħaddiema soċjali jitkellmu mal-Pulizija fil-kċina tar-residenza, liema kamra tiġi l-ewwel waħda fil-kuritur fis-sular t'isfel tar-residenza. Minħabba r-rapport li kienu rċevew il-Pulizija ftit qabel,

[1] Liema provi jinkludu l-filmati tal-*bodycams* tal-Pulizija, liema filmati huma rilevanti ferm biex jiġu stabbiliti l-fatti li seħħew ġewwa r-residenza tal-imputata.

fis-sens li l-imputata setgħet tweġġa' lilha nnifisha, PC 2074 Danica Micallef ingħatat struzzjonijiet biex tibqa' barra l-kċina magħha sabiex tissorveljaha u tara li ma toħroġx mill-appartament sakemm jiġu mitkellma s-*support workers*.

Ftit sekondi wara li l-uffiċjali tal-Pulizija kienu daħlu fil-kċina flimkien mas-*support workers,* l-imputata ħatfet iċ-ċavetta li kienet fis-serratura tal-bieb tal-kċina fuq in-naħa ta' barra, u sakkret il-bieb, liema bieb kien nofsu tal-aluminium u nofsu tal-ħġieġ. PC 2074 bdiet titlobha ċ-ċavetta ripetutament izda l-imputata baqgħet passiva. Is-*support workers* u l-uffiċjali tal-Pulizija bdew iħabbtu fuq il-bieb iżda l-imputata ntefgħet mal-art quddiem il-bieb tal-kċina u mbagħad fuq is-sufan fis-salott, tirrepeti li għandha dritt tkun taf x'kien qed jingħad, u baqgħet ma tathomx iċ-ċavetta. Talbuha ripetutament biex tiftaħ il-bieb, iżda l-imputata ma rrejaġixxietx ħlief biex issaqsi jekk humiex sejrin iġibu l-ambulanza. PC 2074 ipprovat issib iċ-ċavetta billi fittxet fil-bwiet tal-qalziet tal-imputata, iżda ma rnexxilhiex issibha. Għalhekk, l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu msakkrin fil-kċina bdew ifittxu minn fejn setgħu joħorġu mill-kamra iżda t-tieqa li tagħti fuq it-triq kienet magħluqa bil-ħadid u ma setgħux joħorġu minnha. Għalhekk bdew jagħtu bis-sieq lill-bieb iżda dan ma kienx ċeda. Kienu ċemplu wkoll għal ambulanza u kif ukoll lill-Pulizija tar-Rapid Intervention Unit, filwaqt li Marianna Psaila kienet ċemplet lill-manager tar-residenza, Rebecca Lipscombe, fejn qaltilha biex tiġi fuq il-post għaliex kienu imsakkrin fil-kamra.

F'ħin minnhom, l-imputata, li kienet qiegħda ċċempel lil xi ħadd bil-mobile, u tinsema' tgħidilhom li hija mbeżża' u li ser jeħduha x'imkien[2], telqet fil-kamra tagħha u reġgħet ċemplet lil xi ħadd u bdiet titlob għall-għajnuna għaliex skont hi, l-uffiċjal tal-Pulizija kienet qed tgħajjat magħha. Imbagħad marret fejn il-bieb ta' barra tar-residenza u hemmhekk, PC 2074 bdiet tirrabja u tgħajjat magħha biex tagħtiha ċ-ċavetta u żammitha milli toħroġ. L-imputata bdiet tibki u tgħajjat, bil-kelb jaqbeż u jinbaħ, waqt li PC 2074 baqgħet iżżomm il-bieb b'idejha biex l-imputata ma toħroġx barra mill-appartament u imbottatha ftit ukoll, biex tressaqha lura minn ħdejn il-bieb, għaliex l-imputata dehret li riedet toħroġ 'il barra. Dan kollu kien qed iseħħ fost biki

[2] Ara filmati tal-bodycams.

u għajjat da parti tal-imputata (li sadanittant kienet għadha fuq il-mobile) biex PC 2074 tersaq 'il ġewwa u ma tibqax ħdejn il-bieb.

Dak il-ħin stess, il-manager tar-residenza, Rebecca Lipscombe, waslet fuq il-post u marret mill-ewwel sabiex tipprova tiftaħ il-bieb biex tidħol 'il ġewwa, iżda PC 2074 reġgħet għalqet il-bieb. Il-manager tar-residenza ingħatat struzzjonijiet minn PS 462 minn ġot-tieqa tal-kċina sabiex tistenna barra qabel tidħol ġewwa r-residenza sakemm jaslu fuq il-post il-Pulizija tal-RIU, biex b'hekk jiġi evitat ir-riskju li Graziella Bonavia tipprova taħrab. PS 482 xehed:

"*Ir-raġuni għalfejn għidtilha tistenna l-Pulizija għax jiena ma kelli l-ebda garanzija jekk hux Graziella ħa toħroġ tkellimha (lil Rebecca Lipscombe) u tieqaf hemm l-istorja, inkella toħroġ u taħrabilna*".

Xehed ukoll illi minn ġol-ħġieġa tal-bieb tal-kċina huwa ra lil PC 2074 iżżomm il-bieb ta' barra b'idejha u f'daqqa u l-ħin - "*kien mument ta' paniku*" - ra lill-imputata toħroġ il-*pepper spray* mill-pouch ta' PC 2074 u f'distanza qasira ħafna, sprejjatu f'għajnejha.

Dan kollu jidher bl-iktar mod ċar fil-filmat tal-*bodycam* ta' PS 462 u PC 482 fejn l-imputata li kienet kważi wiċċ'imb wiċċ ma' PC 2074, tidher ixxejjer bott direttament quddiem wiċċha f'liema waqt, PC 2074 bdiet iżżomm għajnejha u dehret imweġġa'. Dak il-ħin l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fil-kċina bdew jgħajtu u jwerżqu u PC 462, li wkoll kien qed jara li PC 2074 kienet qed iżżomm għajnejha, xehed li ma seta' jagħmel xejn għaliex kien imsakkar ġewwa u b'xejn ma seta' jiftaħ il-bieb.

Da parti tiegħu, Matthew Sciberras xehed li l-uffiċjali tal-Pulizija fil-kċina kienu eskalaw is-sitwazzjoni bl-istorbju li kienu qed jagħmlu bid-daqqiet ta' sieq fuq il-bieb biex jipprovaw jisgassawh u dak il-ħin, mill-ħġieġ tal-bieb tal-kċina huwa kien ra lill-imputata tgħolli u xxejjer idejha u ttajjar xi ħaġa fid-direzzjoni tal-uffiċjal tal-Pulizija li kien hemm magħha, iżda mhux direttament lejha. Xehed ukoll illi ra lill-Pulizija

tagħmel idejha ma' wiċċha u dak il-ħin kien hemm ħafna konfużjoni u storbju bl-għajjat u tisbit fuq il-bieb tal-kċina. Huwa eskluda li l-imputata kienet ippanikkjata iżda kienet "*tidher li mitlufa ... unresponsive*". Dak il-ħin kienu waslu fuq il-post l-uffiċjali tal-Pulizija tal-RIU u kien qalilhom biex jidħlu u biex ikissru l-bieb tal-kċina ħalli jistgħu joħorġu u jassistu.

Rebecca Lipscombe xehdet:

"*Erġajt ippruvajt niftaħ biċ-ċavetta, imbagħad smajt ħafna għajjat kien hemm pulizija li bdew jgħatju* (minn ġewwa l-kċina)*, żewġ uffiċjali tal-pulizija ġew minn warajja u f'idejhom kellhom xi taser guns. ... Il-pulizija li kien hemm fit-tieqa beda jgħidli biex nistenna u beda jgħajjat liż-żewġ puilzija oħra li kienu warajja biex jiġu miegħi. ... kif fetħu l-bieb eżatt kien hemm il-pulizija ta' warajja li marru fuq Graziella.*"

L-imputata ġiet ikkontrollata minn PC 482 li arrestaha hekk kif ħareġ mill-kċina u fir-rigward xehed li kellu jagħmel hekk sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplix teskala u biex l-imputata ma tibqax tkun ta' perikolu għaliha nnifisha. PC 2074 ittieħdet ġewwa ċ-ċentru ta-saħħa ta' Raħal Ġdid mill-Pulizija tal-RIU fejn in segwitu ġiet riferuta fid-dipartiment tal-emerġenza fl-Isptar Mater Dei fejn inżammet għal diversi sigħat biex tingħata l-kura minħabba l-ħruq ikkaġunat mill-pepper spray[3].

PC 2074 Danica Micallef xehdet illi hi ma kienetx daħlet fil-kċina mal-uffiċjali l-oħrajn iżda kienet baqgħet ħdejn l-imputata biex tissorveljaha. Bdiet tilgħab mal-kelb u tkellem lill-imputata biex taljenaha għaliex sadanittant, l-imputata kienet poġġiet mal-art quddiem il-bieb tal-kċina u baqgħet tgħidilha li ma tridx tmur Mount Carmel. F'ħin minnhom innotat li l-imputata kienet ħaditilha t-torċ u kif marret biex tipprova teħodulha minn idha, l-imputata sprejjatilha l-pepper spray. PC 2074 xehdet illi l-imputata sprejjat l-ispray meta kienet viċin ħafna ta' għajnejha u bl-effett tal-ispray f'għajnejha, ħassitha vulnerabbli ħafna u ma setgħetx tiftaħ għajnejha ("*ma kontx naf*

---

[3] Ara xhieda Dr. Tiziana Calleja Parnis u Dok. TP1.

*x'qed jiġri*") u ma setgħet tagħmel xejn, iżda kkonfermat li l-imputata ma għamlitilha xejn iktar. Dak il-ħin semgħet leħen PS 462 li ħariġha barra minnufih.

Mill-provi jirriżulta li PC 2074 kellha ħruq kbir fiż-żewġ għajnejn, f'wiċċha u kif ukoll fuq sidirha u fuq daharha u dan skont kif ġie konfermat ukoll minn Dr. Tiziana Calleja Parnis fix-xhieda tagħha u ċ-ċertifikat rilaxxat minnha, Dok. TP1. Ġarrbet ukoll barxa superfiċjali fuq id-driegħ tax-xellug u ftit ħmura fiż-żewġ idejn (Dok. DM1) u fuq wiċċha, kif ġie konfermat ukoll minn Dr. Bernard Briffa fix-xhieda tiegħu.

Jirriżulta wkoll mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu marru jakkumpanjaw lill-imputata minn ġewwa r-residenza fejn kien seħħ l-inċident, għall-Isptar, illi kienet qed tgħajjat ħafna u tirrabja biex il-Pulizija ma jmissuhiex għaliex iweġġgħuha. Fil-fatt huwa stabbilit mix-xhieda illi għajnejha kienu ħomor u kienet qed togħrokhom. Madankollu, meta rikbet fl-ambulanza u waslet fid-dipartiment tal-emerġenza fl-Isptar Mater Dei, l-attitudni tagħha inbidel u kienet iktar kalma, għalkemm bdiet tirrabja għaliex kienet liebda l-manetti. Bdiet ukoll tibki u dehret dispjċuta: bdiet tiskuża ruħha ripetutament mal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu akkumpanjawha l-Isptar u qalet ukoll li ħasbet li kienet ħadet it-torċ mentri fil-verita' kienet ħadet il-pepper spray u kien iddispjċiha ta' egħmilha[4] tant li riedet tagħmel kartolina biex tiskuża ruħha mal-uffiċjal tal-Pulizija li kienet weġġgħetha hi stess. Minħabba dak kollu li kien seħħ, l-imputata baqgħet aġitata wkoll l-għada meta marru l-Pulizija biex jipprovaw jieħdulha stqarrija u rrifjutat li tagħti l-verżjoni tagħha.

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tqis li jkun opportun li tibda biex tosserva illi skont kif jirriżulta mill-atti u mill-provi, l-imputata tbati minn diversi kundizzjonijiet ta' saħħa mentali, fosthom problemi ta' *impulse control* u instabbilita' emozzjonali (*emotional disregulation*), kif ukoll mill-awtiżmu, u teħtieġ għajnuna psikoloġika kif ukoll psikjatrika. Jidher ukoll

[4] Ara xhieda ta' PC 668 Kurt Schembri u PC 931 Sarah Bugeja, 9 ta' Marzu 2023.

li kellha trobbija diffiċli ħafna, fejn sofriet abbuż fuq diversi livelli u għaddiet minn trawmi li baqgħu mhux indirizzati. Il-komunikazzjoni tippreżenta sfida oħra għaliha minħabba l-kundizzjoni tal-awtiżmu, magħdud dan il-fatt illi ċ-ċirkostanzi soċjali tagħha, karatterizzati minn nuqqas ta' kuntatt kif ukoll nuqqas ta' għajnuna mill-familja immedjata tagħha, huma kumplessi ħafna u ħallew impatt negattiv fuq il-mod kif iġġib ruħha fil-ħajja ta' kuljum. Fil-fatt, għamlet żmien tgħix ma' zija tagħha, imbagħad f'residenza mmexxija mill-Fondazzjoni Richmond u in segwitu f'residenza mmexxija mill-Aġenzija Sapport, u diversi drabi ġiet ammessa fl-Isptar Monte Carmeli l-iktar minħabba tendenzi suwiċidali.

Jirriżulta wkoll li l-imputata ssibha diffiċli tirregola l-emozzjonijiet tagħha u tirrejaġixxi b'mod kontrollat u proporzjonat għal dak li jkun qed jiġri madwarha ("*tkun all over the place*") u tagħmel affarijiet mingħajr ħsieb. Issibha wkoll ta' sfida tgħix fis-soċjeta' u minkejja li esternament ma jidhrix li tbati minn xi kundizzjoni u hija intellettwalment kapaċi ferm, taħdem fuq bażi *full-time* kif ukoll issuq, l-imputata tħoss li m'hijiex kapaċi tlaħħaq mal-aspettattivi għoljin tas-soċjeta' minħabba l-instabbilita' emozzjonali tagħha kif ukoll l-instabbilita' ekonomika u soċjali tagħha. L-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Formosa irrapportat li għalkemm l-imputata taf id-differenza bejn tajjeb u ħażin, mhux dejjem tirrikonoxxi l-ħażin li tagħmel, u ta' spiss ma tħossx rimors meta tagħmel ħażin. Tħoss ukoll element ta' skettiċiżmu u nuqqas ta' fiduċja fil-Pulizija minħabba li ma kienx ittieħdet l-azzjoni li xtaqet fuq ir-rapporti tal-abbuż li kienet għamlet fil-passat fil-konfront ta' membri tal-familja tagħha.

Dawn l-isfidi u kundizzjonijiet fl-assjem tagħhom jinċidu, inevitabbilment, b'mod negattiv fuq l-imġieba tal-imputata u l-Qorti fehmet illi meta tiġi rinfaċċjata b'ċirkostanzi, postijiet u persuni ġodda għaliha, jew ma' sitwazzjonijiet stressanti jew ta' inċertezza għaliha, l-imputata tibda tbati minn ansjeta' u aġitazzjoni severa u tkun ukoll irritata.

Ikkunsidrat;

Illi l-imputata qed tiġi mixlija fl-ewwel imputazzjoni bir-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jipprovdi li huwa ħati ta' reat kull min-

*"... jinġurja, jew ihedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz ..."*

In tema tar-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9, huwa assodat illi l-elementi tar-reat huma (i) theddida, inġurja, jew offiża, (ii) li jsir fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, (iii) waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz,

M'hemmx dubju li l-uffiċjali tal-Pulizija li rrikorrew fl-appartament fejn kienet tirrisjedi l-imputata, huma persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku, li kienu marru fuq il-post biex jinvestigaw rapport dwar allegazzjoni li l-imputata kienet uriet intenzjoni illi tweġġa' lilha nnifisha, u kienu għalhekk qegħdin iwettqu s-servizz pubbliku tagħhom. Dan irrispettivament mill-konsiderazzjoni dwar jekk kellhomx jew le jinvestigaw rapport anonimu, jew jekk imxewx bil-prudenza meħtieġa fiċ-ċirkostanzi meta marru xejn inqas minn tliet uffiċjali tal-Pulizija bil-lejl fuq każ li evidentement kien jittratta ta' persuna vulnerabbli.

Huwa minnu illi l-imputata sakkret lil żewġ uffiċjali tal-Pulizija u lil żewġ *support workers* fil-kċina, u rrifjutat li tiftħilhom jew li tagħti ċ-ċavetta lil PC 2074 li baqgħet magħha biex tissorveljaha, iżda f'dan l-aġir tal-imputata, għad illi huwa riskontrabbli l-arrest jew sekwestru illegali tal-persuni maqfula fil-kċina, kif maħsub fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali[5], il-Qorti ma tirravviża ebda theddid jew kliem jew ġesti inġurjużi indirizzati fil-konfront tal-uffiċjali tal-Pulizija. Madankollu, kif stabbilit mill-provi, ftit tal-ħin wara, l-imputata ħadet il-bott ta' pepper spray mill-pouch ta' PC

[5] L-imputata ma ġietx mixlija bir-reat taħt l-artikolu 86 jew 87 tal-Kap. 9.

2074 u attivatu, bil-konsegwenza li t-tnejn li huma intlaqtu mill-ispray u fil-każ ta' PC 2074, hija ġarrbet offiżi ta' natura ħafifa konsistenti, fost offiżi oħrajn, fi ħruq f'għajnejha u ħmura f'wiċċha u fuq sidirha.

Applikat dan għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, huwa indubitat illi PC 2074 kienet fir-residenza tal-imputata fil-qadi ta' dmirijietha bħala uffiċjal pubbliku fl-investigazzjoni ta' rapport li kien jikkonċerna s-sigurta' personali tal-imputata nnifisha u kif diġa' ġie stabbilit, meta ġarrbet l-offiża, kienet qed twettaq servizz pubbliku. Għaldaqstant, l-elementi kollha tar-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9 huma rikonstrabbli u mhux meħtieġ li jintwera addizzjonalment li l-vittma kienet qiegħda teżegwixxi l-liġi fil-ħin li ġie kommess ir-reat u lanqas m'hi meħtieġa l-prova li l-imputata aġixxiet bil-ħsieb speċifiku li tfixkel jew tbeżża' jew tinfluwixxi fuq PC 2074 fil-qadi ta' dmirjietha. Għall-kompletezza, għandu jingħad li ma ġie riskontrat ebda aġir aggressiv ieħor da parti tal-imputata għajr għall-użu ta' pepper spray fil-konfront ta' PC 2074. Ma jirriżultax li f'xi waqt qabel jew wara dan l-att, hija attakkat jew irreżistiet fiżikament lil xi ħadd mill-uffiċjali tal-Pulizija għalkemm evidentement hija kienet qed tirrifjuta li tikko-opera magħhom u tobdi l-ordnijiet leġittimi tagħhom biex tiftħilhom il-bieb tal-kċina.

Korollari għal dan huwa l-ħtija tal-imputata wkoll għar-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 għaliex meta sakkret ġewwa l-kċina l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu marru jinvestigaw ir-rapport li kienu rċevew fir-rigward tagħha stess, fixklithom fil-qadi ta' dmirijiethom ċioe' l-investigazzjoni tar-rapport u iktar minn hekk, irrifjutat ukoll li tobdi l-ordni leġittima tagħhom biex tiftaħ il-bieb tal-kċina u ma tħallihomx sekwestrati fil-kamra.

Ikkunsidrat;

L-imputata ġiet mixlija wkoll bir-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali.

Fl-ewwel lok, biex tinstab ħtija għal dan ir-reat, irid ikun hemm l-attakk jew ir-reżistenza. Konformement, jekk jkun hemm biss diżubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita`, dan mhux suffiċjenti għall-kommissjoni ta' dan ir-reat[6].

Il-Professur Mamo jgħid hekk in propositu:

"*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to* ***obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority****, that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority,* ***by opposing the action of those charged therewith***". (enfasi ta' din il-Qorti)

Fin-nuqqas ta' prova dwar it-tfixkil jew il-frustrazzjoni jew ir-reżistenza kontra l-eżekuzzjoni tal-liġi jew tal-ordnijiet tal-awtorita' kompetenti, jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 tal-Kap. 9, ċioe' inġurji jew theddid kontra jew offiża fuq il-persuna ta' uffiċjali pubbliċi.

Huwa meħtieġ ukoll li l-attakk jew ir-reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku jrid isir sewwasew f'dak il-waqt illi l-istess uffiċjal ikun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorita` kompetenti.

F'sentenza mogħtija fit-12 ta' Settembru 1996 il-Qorti tal-Appell Krminali riteniet:-

*"... biex jissussisti dana r-reat irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia resistenza kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku (f'dan il-kaz pulizija), izda wkoll li dana l-attakk jew resistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir fil-waqt li dik il-persuna* ***tkun tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti****. Meta ufficjal tal-pulizja jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew*

[6] Ikun ravviżabbli minflok, ir-reat kontravvenzjonali taħt l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9.

*ikun ga arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jezegwixxi l-ligi. Izda meta ufficjal tal-pulizija ikun qieghed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixxi "ghall-ezekuzzjoni tal-ligi" fis-sens tal-Artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens tal-Artikolu 95."*[7]

Ukoll, skont il-Professur Mamo:-

"*… any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime.*"

Jeħtieġ ukoll illi r-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "*persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku*". Għalkemm il-vittma m'għandhiex tkun liebsa neċessarjament uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapaċita` li fiha qed taġixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dan ir-reat illi l-vittma hija uffiċjal pubbliku, hija meħtieġa *sine qua non* għaliex inkella jkun mankanti l-element formali għall-kommissjoni ta' dan ir-reat.

Finalment, l-attakk jew reżistenza trid tkun neċessarjament akkumpjanata bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb, b'dan illi waħedhom, insulti jew theddid ma jistgħu jwasslu qatt għal sejbien ta' ħtija taħt din id-disposizzjoni tal-liġi.

Imbagħad, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Borg**[8]:-

"*Biex jissusisti r-reat irid ikun hemm bhala minimu xi forza llegittima diretta lejn jew ezercitata fuq il-persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku. L-att li bih tali forza llegittima tigi ezercitata, irid ikun tali li jkun tendenti, ossia li jkollu l-potenzjalita` li jikkaguna hsara lill-persuna tal-Ufficjal Pubbliku, zghira kemm hija*

---

[7] **Il-Pulzija vs Lawrence Attard**.
[8] Deċiża 26 ta' Jannar 1999, Qorti tal-Appell Kriminali.

*zghira dik il-hsara, anke jekk bhala fatt u fil-kaz konkret ebda hsara ma tigi effettivament ikkagunata u anke jekk l-agent ma jkollu ebda intenzjoni li jikkaguna tali hsara. Biex ikun hemm dan ir-reat, l-agent irid ikun mhux biss attakka 'il fatto di prendere l'offensiva' jew irrezista 'il fatto di prendere la difensiva' lill-Ufficjal Pubbliku, izda li tali attakk jew resistenza tkun giet maghmula permezz ta' vjolenza jew b'hebb.*"

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi miżmum ferm il-fatt illi l-Pulizija kienu qed jaġixxu fuq rapport li l-imputata esprimet ix-xewqa jew heddet li tneħħi ruħha b'idejha, u l-fatt illi ma setgħux jikkontrollaw is-sitwazzjoni peress li l-imputata kienet sakkrithom fil-kamra u rrifjutat li tiftħilhom, hija tifhem illi fiċ-ċirkostanzi l-prudenza kienet tesiġi li l-imputata tiġi sorveljata u ma titħalliex toħroġ barra mir-residenza sakemm jiġi investigat ir-rapport, jiġu stabbiliti l-fatti u jiġi eskluż il-perikolu li l-imputata tista' tweġġa' lilha nnifisha. Għaldaqstant, hi sodisfatta li PC 2074 kienet qed tagħmel xogħolha żżomm il-bieb magħluq biex l-imputata ma toħroġx mir-residenza, peress li kienet qed tobdi l-istruzzjonijiet li ngħatawlha mis-superjuri tagħha, PS 462 Darren Farrugia u minn PC 462 li kienu msakkrin fil-kċina. Tabilħaqq il-provi juru li l-imputata marret tipprova tiftaħ il-bieb tar-residenza. Wieħed ma jistax jistenna li l-Pulizija ma jieħdux il-miżuri meħtieġa biex jipproteġu lill-imputata meta hija persuna vulnerabbli li, skont kif kienu infurmati, kienet uriet intenzjonijiet suwiċidali, *multo magis* meta, minħabba l-egħmil tal-imputata nnifisha, is-sitwazzjoni kienet ġiet reża ferm iktar diffiċli.

Hawnhekk għandu jingħad illi l-Qorti ma taqbilx mal-argoment tad-difiża li l-Pulizija mxew b'xi egħmil irregolari jew egħmil li mhux konformi ma' xi prattika stabbilita, meta ħadu azzjoni fil-pront u marru direttament fuq il-post biex jinvestigaw rapport li jikkonċerna persuna li setgħet tweġġa' lilha nnifisha, mingħajr ma taw pre-avviż lill-persuni fil-post dwar il-wasla tagħhom, anke jekk il-ħin kien ftit jew wisq tard u anke jekk marru tliet uffiċjali b'kollox. Mil-lat purament prattiku, il-Qorti tifhem il-ħtieġa

li fuq rapport ta’ possibbli attentat ta’ suwiċidju, il-Pulizija kelhom jimxu bl-iktar prudenza u ma jieħdux riskji u illi konformement, ir-rapport kellu jiġi investigat billi l-Pulizija jitkellmu fiżikament mal-ħaddiema tar-residenza biex jiksbu iktar tagħrif dwar is-sitwazzjoni tal-imputata u l-potenzjal li tweġġa’ lilha nnifisha u biex ikunu ta’ assistenza u jsejħu għal ambulanza jekk ikun il-każ. Hi għalhekk sodisfatta li meta ġie ordnat li l-imputata ma titħalliex toħroġ mill-bieb tal-appartament, il-Pulizija aġixxew biss għall-protezzjoni tagħha nnifisha u konsegwentement, l-ordni li taw il-Pulizija fil-kors tat-twettiq tas-servizz pubbliku tagħhom, biex l-imputata tiġi sorveljata u biex ma toħroġx mill-appartament fejn kienet tirrisjedi, ma tistax titqies li kienet, fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, mhux leġittima[9].

Madankollu, mil-lat legali, il-Qorti ma taqbilx li fiċ-ċirkostanzi kif fuq imfissrin, il-Pulizija kienu qegħdin jenforzaw il-liġi jew kienu qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi meta taw l-ordni biex l-imputata ma toħroġx mir-residenza u ma taqbilx lanqas li PC 2074 kellha xi setgħa legali li tirrestrinġi l-liberta’ tal-moviment tal-imputata. Għalkemm tassew l-imputata kienet sakkret hi stess lill-Uffiċjali tal-Pulizija u lis-*support workers* fil-kċina u ma riditx tiftħilhom u dan l-egħmil jista’, fih innifsu, jitqies bħala sekwestru illegali tal-persuni li ġew maqfula fil-kamra, **ġie eskluż espressament fix-xhieda ta’ PC 2074 kif ukoll ix-xhieda ta’ PS 462 - li kien ta l-ordni biex l-imputata ma toħroġx mill-appartament – infushom, illi din kienet ordni għall-arrest tal-imputata. Kemm hu hekk iż-żewġ uffiċjali tal-Pulizija xehdu speċifikatament li l-imputata ma kienetx taħt arrest u ma ġiex arrestata fl-ebda ħin, u li l-ordni biex tiġi sorveljata u ma titħalliex toħroġ mir-residenza kienet intiża purament għas-sigurta’ tagħha stess minħabba li kienu infurmati li daħal rapport li l-imputat setgħet tweġġa’ lilha nnifisha**.

Iżda minkejja dan, il-fatt jibqa’ li meta marret biex tiftaħ il-bieb tar-residenza, l-imputata ġiet imwaqqfa attivament minn PC 2074 milli toħroġ ‘il barra, u dan billi ressqitha minn mal-bieb u wkoll żammet l-istess bieb biex dan ma jinfetaħx la minn

[9] Għandu jingħad ukoll li jirriżulta li l-Pulizija ċemplu għall-assistenza tal-uffiċjali tal-RIU għaliex kienu msakkrin fil-kċina, u mhux għaliex kien hemm bżonn li l-imputata tiġi mrażżna jew arrestata.

ġewwa u lanqas minn barra, bil-konsegwenza illi l-imputata ma kienetx libera li toħroġ minn ġewwa l-appartament.

Fil-kuntest tar-reat tas-sekwestru illegali taħt l-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali (li m'huwiex qed jiġi addebitat lill-imputata fil-każ in diżamina), il-Professur Sir Anthony Mamo[10] jikkummenta hekk dwar is-sekwestru illegali ta' persuna:-

"*the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "*Il reato preveduto nell'articolo 169 *(our Section 86)* esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro.*" (ROBERTI – ibid, para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place; or may be detained in his own house without having been previously arrested.*"

Dan l-element materjali ġie imfisser hekk mill-Corte di Cassazione tal-Italja:

"*Per la realizzazione del reato di sequestro di persona, non occorre che la privazione della libertà sia attuata in modo da rendere assolutamente impossibile il recupero della libertà della vittima mediante autoliberazione: è sufficiente invero, che il soggetto passivo, non possa, anche in considerazione delle sue limitate capacità di reazione, superare con immediatezza, da sé medesimo, l'ostacolo posto alla sua libertà di movimento*".[11]

Applikat dan għall-fattispeċje taż-żamma tal-imputata ġewwa l-appartament fuq ordni jew bl-egħmil ta' xi ħadd mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post, jirriżulta li l-moviment liberu tal-imputata kien qed jiġi ristrett b'mod li kienet qiegħda

[10] Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40].
[11] Sezione II della Suprema Corte, con sentenza numero 3979 datata 20 marzo 1989.

effettivament tiġi detenuta fir-residenza tagħha u għalhekk, ma jistax jingħad li r-restrizzjoni tal-moviment tagħha kienet qed issir b'eżekuzzjoni jew enforzar tal-liġi.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Camilleri**[12], għamlet distinzjoni bejn l-attakk jew ir-reżistenza f'ċirkostanzi fejn uffiċjal tal-Pulizija jkun qiegħed jarresta jew ikun għadu kif arresta, persuna, u attakk jew reżistenza f'sitwazzjoni fejn uffiċjal tal-Pulizija qiegħed jipprova jikkonvinċi lil ħaddieħor jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa. Skont it-tagħlim tal-Qorti tal-Appell, filwaqt li fl-ewwel istanza l-uffiċjal tal-Pulizija qiegħed jeżegwixxi l-liġi u għalhekk l-attakk jew reżistenza jistgħu jagħtu lok għar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kap. 9, mhux l-istess fit-tieni istanza għaliex hawnhekk l-uffiċjal tal-Pulizija ma jkunx qiegħed jeżegwixxi l-liġi izda jkun qed jeżerċita l-funzjoni pubblika tiegħu.

Dan ifisser illi għal sejbien ta' ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 96 tal-Kap, 9, huwa essenzjali li jintwera li l-uffiċjal li jkun ġie attakkat jew reżistit, kien qed jeżegwixxi l-liġi: iżda fil-każ in diżamina, dan huwa eskluż.

Huwa stabbilit ukoll mill-provi illi s-sitwazzjoni li kienet qed tirrenja dak il-ħin kienet waħda ta' paniku u storbju: l-uffiċjali tal-Pulizija jagħtu bis-sieq fuq il-bieb tal-kċina, il-kelb jinbaħ kontinwament, il-manager tar-residenza tipprova tidħol ġewwa u l-bieb jinstabat f'wiċċha, l-imputata tgħajjat bla waqfien, u PC 2074 timbotta lill-imputata lura minn mal-bieb biex ma toħroġx u ma tiftaħx il-bieb.

Mill-kumpless tax-xhieda jirriżulta li l-imputata ħadet il-pepper spray mill-but ta' PC 2074 u użatu fuqha <u>qabel</u> il-Pulizija tal-RIU daħlu fir-residenza, f'waqt meta PC 2074 kienet qed tipprova żżommha milli toħroġ 'il barra mir-residenza. PC 482 kien ċar meta xehed illi l-pepper spray intuża waqt li PC 2074 kienet qiegħda żżomm il-bieb magħluq biex ħadd ma jidħol jew joħroġ. Kien dak il-ħin li huwa sema' lil PS 462 jgħajjat li intuża l-pepper spray. Kemm hu hekk, mix-xhieda ta' Rebecca Lipscombe u PS 482 il-Qorti fehmet illi meta l-Pulizija tal-RIU fetħu l-bieb tar-residenza u daħlu

[12] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, 1 ta' Frar 1958.

bit-tasers f'idhom bid-dawl ippuntat lejn l-imputata, PC 2074 kienet diġa' mweġġgħa bil-pepper spray għaliex skont Rebecca Lipscombe, l-imputata kienet "*iffriżata ... bil-wieqfa f'nofs il-kuritur u qabżu fuqha*". Dan kollu jirriżulta wkoll mill-filmat, fejn hu evidenti li meta l-imputata kienet qed tisprejja f'wiċċ PC 2074, il-bieb ta' barra kien għadu magħluq.

Konformement, il-Qorti tqis illi meta l-imputata ħadet il-pepper spray mill-pouch ta' PC 2074 waqt li kienet qed iżżomm il-bieb fuq struzzjonijiet ta' PC 482 u PS 462 biex l-imputata ma toħroġx mid-dar, u meta l-istess imputata bdiet ixxejjer idejha bil-bott tal-ispray u l-ispray laqat lill-istess PC 2074, dak il-ħin ħadd mill-uffiċjali tal-Pulizija ma kienu qed iwettqu jew jenforzaw il-liġi[13]. Għalhekk, anke jekk l-egħmil tal-imputata fl-użu tal-pepper spray kellu jitqies jikkostitwixxi "*attakk*" fuq uffiċjal tal-Pulizija – għaliex indubbjament fih il-potenzjalita' ta' ħsara - ir-reita' taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali ma jistax jissussisti mhux biss għaliex dan l-attakk ma sarx <u>f'xi waqt meta</u> PC 2074 kienet qed taġixxi għall-eżekuzzjoni ta' ordni mogħtija skont il-liġi minn awtorita' kompetenti, iżda wkoll għaliex huwa nieqes l-element tal-<u>eżekuzzjoni tal-liġi</u>.

Kif diġa' ingħad, jekk l-att jikkonsisti biss f'diżubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorita`, dan mhux suffiċjenti għall-kommissjoni ta' dan ir-reat. Għalkemm PC 2074 kienet bla dubju qiegħda twettaq id-dmirijiet tagħha meta kienet qed tissorvelja lill-imputata u ma tħallihiex toħroġ mill-appartament, ma kienetx qed tenforza xi ordni mogħtija skont il-liġi tant illi kif diġa' ġie stabbilit, l-uffiċjali tal-Pulizija eskludew espressament li kienet taħt arrest dak il-ħin sakemm, naturalment, użat il-pepper spray u laqtet bih lil PC 2074.

Għalhekk l-imputata ma tistax tinsab ħatja tar-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

---

[13] M'huwiex f'loku l-argoment tad-difiża li l-flixkun tal-pepper spray ittieħdet mill-imputata b'riżultat tan-negligenza ta' PC 2074.

Kif diġa' ġie stabbilit, l-imputata kkaġunat offiża ta' natura ħafifa fuq PC 2074 Danica Micallef meta laqtitha bil-pepper spray li tajjret fid-direzzjoni ġenerali tagħha.

Il-Qorti tqis li l-fatt li l-imputata kienet qed tinżamm milli toħroġ mir-residenza (del resto għall-ġid tagħha stess) u l-fatt li kienet imfixkla bil-presenza tal-uffiċjali tal-Pulizija fir-residenza għaliex beżgħet li kienu ser jeħduha fl-Isptar Mount Carmel, ma jiġġustifikawx l-aġir tagħha li tikkaġuna offiżi lill-uffiċjal tal-Pulizija li - b'doża kbira ta' sabar - kienet qiegħda tipprova tikkonvinċiha biex tagħtiha ċ-ċwievet tal-bieb tal-kċina u fl-istess waqt iżżommha milli titlaq 'il barra mir-residenza. Huwa minnu li dak il-ħin l-ambjent fir-residenza kien wieħed ta' paniku, storbju u għajjat, kif ingħad qabel, u l-instabbilita' emozzjonali tal-imputata bla dubju xprunat fiha anzjeta' u aġitazzjoni qawwija, iżda l-imputata ma setgħetx ma kienetx konxja tal-ħażin li għamlet mhux biss meta sakkret lill-uffiċjali tal-Pulizija fil-kċina u meta ħadet il-bott tal-pepper spray u attivatu. Kemm hu hekk, kif diġa' ġie kkunsidrat qabel, il-Qorti fehmet li l-imputata hija konxja li l-atteġġjament tagħha u l-impulsivita' fil-mod kif tirrejaġixxi jistgħu jippreżentaw riskju għaliha nnifisha u għal persuni oħrajn.

Ma ġiex ippruvat illi l-offiża ġabet xi waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli 216 u 2018 tal-Kap. 9 u għalhekk għandha titqies li hija ħafifa. Iżda ġie ukoll stabbilit mill-provi illi l-likwidu jew sustanza partikolari li ġie mtajjar meta l-imputata attivat il-bott ta' sprej, kien jaħraq, tant illi PC 2074 xehdet illi għajnejha bdew jaħarquha tant li ma setgħetx tara iktar: prova li ġiet sorretta ulterjorment mix-xhieda ta' Dr. Tiziana Calleja Parnis li xehdet li Danica Micallef "*kellha ħruq kbir f'għajnejha t-tnejn li huma, f'wiċċha, fuq sidirha u daharha*" u kkostatat ukoll ħmura ('*erythema*') fuq in-naħa tax-xellug ta' wiċċha u f'għajnejha[14].

Il-Qorti ma taqbilx li l-offiża li ġarrbet PC 2074 kienet ta' importanza żgħira għaliha, kif maħsub fis-subartikolu (3) tal-artikolu 221 tal-Kap. 9. Dan qed jingħad għaliex mill-provi jirriżulta illi l-vittma kellha tiġi riferuta mill-kura primarja għad-

[14] Ara ċertifikat medika Dok. TP1.

dipartiment tal-emerġenza tal-Isptar u għamlet diversi sigħat l-Isptar biex tiġi mdewwija, tant illi ngħatat tliet bottijiet ta' mediċina u kremi għal għajnejha minħabba l-ħruq. Għalkemm l-offiżi kienu bla dubju ta' natura ħafifa, il-Qorti fehmet li dawn ma kienux ta' konsegwenza minuri għall-vittma tar-reat - sija għal dak li għandu x'jaqsam ma' ġisimha u sija wkoll moralment - għaliex f'dan il-każ il-vittma kienet inkarigata sewwasew biex twettaq servizz pubbliku konsistenti fis-sorveljanza ta' persuna li kellha bżonn l-għajnuna, iżda minħabba l-offiża ossia l-ħruq, ma setgħetx taqdi dmirha għaliex ma setgħetx tiftaħ għajnejha u ssir taf x'qed jiġri madwarha. F'kull każ, offiża konsistenti fi ħruq fl-għajnejn għal diversi sigħat fejn il-vittma u kellha bżonn kura l-isptar fuq diversi sigħat u b'diversi mediċini, ma tistax titqies li kienet ta' konsegwenza minima.

Għaldaqstant, l-imputata għandha tinsab ħatja taħt l-artikolu 221(2) li jirrendi applikabbli d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 217 tal-Kodiċi Kriminali, bil-piena tkun ta' priġunerija minn sentejn sa seba' snin. Madankollu din il-piena għandha tiġi miżjuda bi grad bl-applikazzjoni wkoll tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 222(1)(ċ) tal-Kap. 9 għaliex huwa ppruvat abbundantement li l-offiża saret fuq PC 2074 Danica Micallef li hija persuna li kienet inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku u r-reat sar minħabba li dik il-persuna kienet għamlet id-dmirijiet tal-kariga tagħha.

Illi għalkemm id-difiża targomenta li l-imputata tajjret l-isprej mingħajr ma kellha l-intenzjoni speċifika li tolqot jew tagħmel ħsara lil PC 2074, għaliex kif xehed Matthew Sciberras ma kienetx ipppontat l-isprej direttament lejn l-uffiċjal tal-Pulizija, l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel il-ħsara huwa biżżejjed biex jiġi sodisfatt l-element formali tar-reat tal-offiża volontarja.

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Zammit**, mogħtija fit-30 ta' Marzu 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:-

"*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hi zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu jrid iwiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu."*

Konformement, f'ċirkostanzi fejn l-imputata minflok tat l-isprej lura lil PC 2074 meta din tal-aħħar kienet qed tipprova tneħħilha l-bott minn idejha, attivat l-isprej f'waqt meta l-istess uffiċjal tal-Pulizija kienet kważi wiċċ'imb wiċċ magħha, ma jistax ma jiġix ravviżat intenzjoni pożittiva, anke jekk indiretta, li ssir xi xejra ta' ħsara. Il-filmati tal-bodycams fejn l-imputata tidher tisprejja f'wiċċ PC 2074 li sadanittant kienet mal-bieb u ma kienetx qiegħda tmissha bl-ebda mod, ma jħallu ebda dubju dwar dan.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi l-imputata ma kienetx taf x'kienet qed tagħmel u ma taqbilx lanqas li egħmilha (inkluż meta tajjret l-isprej u weġġħet lil PC 2074) kien xi rejazzjoni għal xi aġir illegali jew eċċessiv da parti tal-uffiċjali tal-Pulizija li kienu rrikorrew fuq il-post. Il-Qorti fehmet illi l-imputata hija kapaċi ferm intellettwalment, teċċella f'xogħolha bħala Learning Support Assistant u taf tiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin. Barra minn hekk, ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li juri oġġettivament li l-imputata aġixxiet kif aġixxiet biex tiddefendi lilha nnifisha kontra xi aġir li ta' theddida jew perikolu għaliha. Il-Qorti ma riskonstratx aġir skorrett jew sproporzjonat jew xi użu jew wirja ta' forza da parti tal-uffiċjali tal-Pulizija. Wara kollox, minn eżami bir-reqqa tal-provi u x-xhieda, jirriżulta li dawn il-persuni aġixxew biss biex tiġi kontrollata s-sitwazzjoni u titħares is-sigurta' tal-imputata - li sadanittant irnexxielha tegħleb lill-persuni kollha li kienu inkarigati biex jieħdu ħsiebha u jassistuha - u wkoll biex joħorġu mill-kamra li fiha kienet qaflithom l-istess imputata.

Ma jirriżultax lanqas li xi ħadd avviċina lill-imputata b'mod mhux xieraq jew b'aggressivita' u kif diġa' ġie stabbilit iktar qabel, l-uffiċjali tal-RIU daħlu fir-residenza bid-dawl tat-taser ippuntat lejha, wara l-imputata kienet weġġħet lil PC 2074. Huwa stabbilit mix-xhieda ta' Matthew Sciberras illi ebda wieħed mit-tliet uffiċjali tal-Pulizija li waslu l-ewwel fuq il-post ma indirizzaw lill-imputata, kellmuha

jew missewha b'xi mod u ħadd ma daħal irrabjat: riedu biss li jkellmu lis-*support workers* privatament biex jistabbilixxu l-fatti. Fuq kollox, ġie eskluż mix-xhieda ta' PC 2074 innifisha, kif ukoll mix-xhieda ta' Matthew Sciberras, li kienet intużat xi forza fuq l-imputata.

Fil-fehma tal-Qorti, dak li seħħ meta daħlu fir-residenza l-Pulizija tal-RIU u l-proċess tal-arrest tal-imputata huwa irrilevanti għall-fini tad-determinazzjoni tal-ħtija o meno tal-imputata għall-akkużi, għaliex l-akkużi jikkonċernaw l-eventi li seħħew qabel, meta sakkret lill-uffiċjali tal-Pulizija fil-kċina u rrifjutat li tiftħilhom, u meta daret fuq PC 2074 u attivat il-pepper spray.

Ikkunsidrat;

Illi madankollu, dan stabbilit, hemm fatturi oħrajn li l-Qorti ma tistax ma tieħux in konsiderazzjoni meta tiġi biex tgħarbel l-aġir tal-imputata u r-reat li ġie kommess minnha fil-konfront ta' PC 2074. Kif diġa' ġie kkunsidrat qabel, l-imputata hija diġa' minnha nnifisha hija persuna vulnerabbli li kienet ukoll immanifestat intenzjonijiet suwiċidali, iżda b'żieda ma' dan kollu, fil-każ diżamina hija ġiet rinfaċċjata b'sitwazzjoni stressanti meta tard filgħaxija, wara li kien sar rapport li riedet tweġġa' lilha nnifisha, tfaċċaw fl-appartament fejn kienet tirrisjedi mal-carer tagħha, tliet uffiċjali tal-Pulizija lebsin l-uniformi. Kif ġie stabbilit mix-xhieda ta' Rebecca Lipscome u Dr. Rachel Taylor East, l-imputata tibża' ħafna u tippanikkja meta tkun ikkonfrontata b'sitwazzjoni stressanti u din l-imġieba hija marbuta wkoll mal-kundizzjoni tal-awtiżmu. Kemm hu hekk, il-provi juru illi l-imputata kienet eċitata u ansjuża ħafna meta waslu l-Pulizija fuq il-post u daħħlitha f'moħħha li kienu marru biex jeħduha fl-Isptar Mount Carmel - post fejn evidentement ma rieditx tmur - għalkemm ma jirriżultax li kien sar xi diskors quddiemha fejn issemma' l-Isptar Mount Carmel.

Il-Qorti fehmet illi din is-sitwazzjoni xprunat fl-imputata ansjeta' sostanzjali li, fiċ-ċirkostanzi tal-instabbilita' emozzjonali tagħha u l-kundizzjoni tal-awtiżmu, ġiegħlitha

tirrejaġixxi b'mod impulsiv billi sakkret lill-uffiċjali tal-Pulizija fil-kċina. Iżda mhux hekk biss: l-imputata kompliet titlef il-kontroll ta' egħmilha meta qalb l-istorbju ta' għajjat u tisbit mal-bieb tal-kċina mill-uffiċjali tal-Pulizija li kienu maqfulin fil-kċina, sabet ruħha miżmuma minn PC 2074 milli tiftaħ il-bieb tar-residenza u rat ukoll li l-manager tar-residenza ma kienetx qed titħalla tidħol ġewwa.

**Dan l-ambjent ta' paniku u inċertezza, kif deskritt ferm tajjeb minn Matthew Sciberras fix-xhieda tiegħu, ma setax ma nissilx fl-imputata, fil-qagħda mentali tagħha, biża', ansjeta' u aġitazzjoni, u fil-fehma tal-Qorti, l-egħmil tal-imputata meta ħadet il-bott tal-pepper spray u tajjret l-isprej f'mument meta l-uffiċjal tal-Pulizija kienet qrib ħafna tagħha, għad illi kien egħmil volontarju imwettaq bil-għarfien kollu tal-konsegwenzi tiegħu, huwa kompatibbli mal-imġieba u l-mod kif tirrejaġixxi l-imputata meta tkun rinfaċċjata b'sitwazzjonijiet stressanti u ta' inċertezza, kif deskritt fid-dettall fir-rapport u fix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation u fix-xhieda ta' Dr. Rachel Taylor East, ċioe' imġieba panikuża, impulsiva u ferm sproporzjonata għas-sitwazzjoni li tkun tinsab fiha**.

Mix-xhieda jirriżulta wkoll li l-imputata kienet imbeżża': Rebecca Lipscombe xehdet li l-imputata kienet "*imbeżżgħa ħafna u x'ħin ġiet immanettjatha ... eskalat iktar is-sitwazzjoni*" u dan l-istat ta' aġitazzjoni li kienet tinsab fih l-imputata meta ġiet arrestata ġie affermat ukoll mill-infermiera li ġiet fuq il-post bl-ambulanza, Maria Clara Ebejer, li xehdet illi l-imputata kienet aġitata u anzjuża iżda ma kienetx aggressiva. Ukoll, l-uffiċjali tal-Pulizija li akkumpanjawha l-Isptar Mater Dei ikkonfermaw li l-imputata kienet iddispjaċuta u skużat ruħha ripetutament talli kienet weġġgħet lil ħaddieħor.

Għalhekk il-Qorti fil-qies ta' dan kollu, u filwaqt li ma taqbilx li l-egħmil tal-imputata ma kienx wieħed volontarju u ma taqbilx lanqas illi l-imputata aġixxiet mingħajr l-għarfien ta' dak li kienet qiegħda tagħmel u l-konsegwenzi ta' egħmilha, hija propensa tirrikonoxxi li minħabba raġunijiet marbutin direttament mal-kundizzjoni partikolari tal-imputata fuq livell ta' saħħa mentali u emozzjonali, is-sitwazzjoni stressanti li

kienet sabet ruħha fiha - anke jekk din setgħet qanqlitha, talanqas in parti, hi stess b'imġibitha - attivat rejazzjonijiet impulsivi u sproporzjonati li ma kellhiex kontroll effettiv tagħhom.

Kollox magħdud, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u kif ġie mwettaq ir-reat, u fil-qies ukoll tal-karattru tal-imputata, il-Qorti hija tal-fehma li ma jkunx xieraq jew spedjenti li tagħti piena lill-imputata u hija konvinta illi għandha bżonn tibqa' tiġi segwita minn uffiċjal tal-Probation għaż-żmien massimu permess mil-liġi. Kif ġie stabbilit qabel, l-imputata hija konxja mill-problemi li għandha f'ħajjitha u li l-atteġġjament tagħha u l-impulsivita' fil-mod kif tirrejaġixxi jistgħu jippreżentaw riskju għaliha nnifisha u għal persuni oħrajn, u tirrikonoxxi li teħtieġ l-għajnuna u dejjem fittxet l-għajnuna.

Għalkemm il-piena għar-reat taħt l-artikolu 217 u 221(2) tal-Kodiċi Kriminali kif aggravat bl-applikazzjoni tad-dispożizzjoniijiet tal-artikolu 222(1)(ċ) tal-istess Kap. 9, teċċedi seba' snin priġunerija[15] iżda ma teċċedix priġunerija għal għaxar snin, hija l-fehma tal-Qorti illi ċ-ċirkostanzi partikolari tal-imputata kif diġa' ġie imfisser fid-dettall iktar qabel, jikkostitwixxu fihom infushom, ċirkostanzi li għall-fini tal-artikolu 7(2) tal-Att dwar il-Probation jimmeritaw li l-imputata titqiegħed xorta waħda taħt ordni ta' probation, u dan għaliex il-Qorti hi pjenament sodisfatta li s-sorveljanza tagħah minn uffiċjal tal-probation hija mixtieqa fl-interess li jiġi assikurat li l-imputata tkompli tieħu l-kura għall-kundizzjonijiet tagħha fuq livell psikoloġiku u psikjatriku u biex tikkontrolla l-imġieba tagħha anke sabiex jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra, kif ukoll biex tingħata l-għajnuna kollha meħtieġa biex tindirizza sfidi oħrajn fil-ħajja tagħha.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li ma ssibx ħtija għar-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, addebitat fit-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 31, 95,**

[15] Meħud in konsiderazzjoni l-fatt li l-istess att ta lok ukoll għar-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9 u għalhekk bl-applikazzjoni tal-prinċipju tal-konkorrenza formali ta' reati u pieni, il-Qorti għandha tingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 221(2) u l-artikolu 217 tal-Kap. 9 kif aggravat bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 222(1)(ċ) tal-Kap. 9. Ovvjament, u f'kull każ, il-Qorti m'hijiex sejra tqis, għal dan l-iskop, il-piena għar-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9 wara li din ġiet aggravata bis-saħħa tal-emendi taħt l-Att IV tal-2025, għaliex għandha dejjem tapplika l-iktar piena favorevoli għall-imputata li f'dan il-każ hija l-piena li kienet fis-seħħ fiż-żmien tar-reati.

**214, 215, 217, 221(2), 222(1)(ċ) u 338(ee) issib lil GRAZIELLA BONAVIA ħatja tal-imputazzjonijiet l-oħra kollha u tqiegħda taħt Ordni ta' Probation taħt l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation (Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) għal żmien tliet (3) snin, taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni mogħtija kontestwalment li tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.**

**Il-Qorti fissret lill-ħatja, bi kliem li hija tifhem, x'ikun l-effett tal-Ordni tal-Probation u li jekk hija tonqos milli tikkonforma ruħha miegħu jew tagħmel xi reat ieħor, tista' tingħata sentenza għar-reat oriġinali, u l-ħatja esprimiet ir-rieda tagħha li tikkonforma mal-ħtiġiet ta' dik l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali, torbot lill-ħatja b'garanzija tagħha nnifisha biex iżżomm il-paċi u ma timmolestax lil Danic Mifsud PC 2074 taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax (12)-il xahar.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**